MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1069/1991/1

**Joseph Attard**

**vs**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Din hija decizjoni minn appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha gie ritenut hekk,
"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-22 ta’ Ottubru, 1991, li permezz taghha l-attur wara li ippremetta illi huwa proprjetarju tal-gibjetta tal-gwiebi li qeghdin fir-raba ta’ Gnien Ingraw, fil-limiti tal-Mellieha, liema gwiebi kienu gew mibnija minn missieru u liema gwiebi huwa kien juza ghat-tisqija tar-raba li kienet tinsab f’idejh; illi ricentament il-konvenut Joseph Vella ippretenda li kellu dritt li juza dawn il-gwiebi u beda jaghmel hekk kontra r-rieda ta’ l-istess attur; illi l-konvenut Joseph Vella kien recentament ottjena dikjarazzjoni mill-Qrati Inferjuri li kien gie f’okkazzjoni spoljat mill-uzu ta’ l-ilma minn Joseph Attard li jigi missier l-attur; illi l-gwiebi jappartjenu esklussivament lill-attur billi gew mibnija fuq art imqabbla lilu u bi flus missieru; illi ghalhekk il-konvenut ma ghandu l-ebda dritt fil-ligi ghall-uzu ta’ l-istess gwiebi u dan in avviz tal-kwistjoni dwar id-dritt o meno ta’ l-istess konvenut ghall-uzu ta’ l-ilma; illi l-attur qieghed isofri dannu bhala konsegwenza ta’ dan l-agir tal-konvenut li jikkonsisti fit-telf ta’ ilma li qed jiehu l-istess konvenut minn dawn il-gwiebi u l-hsara li qed issirlu fil-prodott tieghu minhabba dan in-nuqqas; talab li din il-Qorti:-

(I) tiddikjara u tiddeciedi li l-attur ghandu d-dritt eklussiv ghall-gwiebi fuq riferiti mibnija minn missieru li jinsabu fir-raba ta’ Gnien Ingraw fil-limiti tal-Mellieha u li kienu tul dawn l-ahhar hames snin uzati minnu esklussivament;

(II) tikkundanna ghalhekk lill-konvenut sabiex immedjatament jiddesisti milli fi kwalsiasi mod jaghmel uzu mill-istess gwiebi jew jiehu ilma minnhom;

(III) tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kawzati lill-attur bl-uzu li huwa qed jaghmel mill-gwiebi fuq imsemmija;

(IV) tillikwida l-istess danni okkorrendo b’periti nominandi bhala konsistenti f’dak it-telf ta’ prodott u ta’ ilma li qieghed jigi soffert mill-attur minhabba dan l-agir tal-konvenut;

(V) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidat.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza. Il-konvenut huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fl-4 ta' Dicembru, 1991, li permezz taghha eccepixxa:-

(I) Illi l-attur ma ghandux interess guridiku biex jaghmel il-kawza odjerna.

(II) Illi fil-mertu t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-esponenti ghandu sehem ta' nofs indiviz fil-vaska in kwistjoni fl-uzu ta' l-istess.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut u d-dokument minnu esebit.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Mejju, 1992, meta giet mahtura Dr. Irene Bonello bhala espert legali sabiex tirrelata dwar it-talbiet attrici u d-digriet taghha tat-18 ta' Ottubru, 1993, meta gie mahtur Dr. Anthony Abela Medici bhala espert kaligrafiku.

Rat ir-rapporti ta' l-esperti debitament mahlufa.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Novembru, 1997, li permezz tieghu gew mahtura bhala periti perizjuri Dr. Karmenu Vassallo, Dr. Peter Caruana Galizia u Dr. Joseph Micallef Stafrace, li halfu r-rapport taghhom f'dati differenti.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-attur jitlob li jigi dikjarat bhala l-persuna li ghandha dritt esklussiv sabiex taghmel uzu mill-gwiebi li jinsabu fir-raba ta’ Gnien Ingraw, limiti tal-Mellieha u li konsegwentament l-konvenut jigi mizmum milli jaghmel uzu mill-istess gwiebi u ikkundannat ihallas id-danni sofferti mill-attur minhabba l-agir allegatament abusiv tieghu. Il-konvenut eccepixxa in linea preliminari n-nuqqas ta’ interess da parti ta’ l-attur u fil-mertu li t-talbiet attrici huma infondati billi huwa ghandu sehem ta’ nofs indiviz fil-vaska in kwistjoni u l-uzu ta’ l-istess.

L-ewwel perit kien ikkonkluda li l-attur kien karenti mill-interess guridiku u li t-talbiet attrici ma ghandhomx fondament u li konsegwentament l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu milqugha filwaqt li t-talbiet attrici michuda.

Il-periti perizjuri, wara li ghamlu rassenja tal-fatti tal-kaz u tal-punti legali li johrogu mill-istess waslu ghas-segwenti konkluzjonijiet:-

a) Fil-fatt l-attur ghandu interess billi missieru Joseph Attard bhala amministratur tas-sehem ta’ martu Emanuela nee’ Vella seta’ jcedi dan is-sehem lill-ibnu kif fil-fatt ghamel fl-iskrittura tal-15 ta’ Ottubru, 1985, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

b) L-ilma in kwistjoni jappartjeni nofs lill-attur u nofs lill-konvenut, billi l-giebja nbniet, skond l-att tat-22 ta’ Dicembru, 1949, atti Nutar Antonio Galea (Dok PBC) minn omm l-attur (Emanuela Vella) u l-konvenut. Ghalhekk l-ilma jrid jinqasam bejn il-kontendenti billi jkollhom tnax-il siegha bejniethom darba kull sitt ijiem u min imissu jsaqqi filghodu ma ghandux isaqqi izjed mill-hdax ta’ filghodu. In vista’ ta’ dan it-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha bl-ispejjez.

Il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-provi estensivi prodotti, tas-sottomissjonijiet ta’ l-esperti kif ukoll dawk tal-kontendenti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-periti perizjuri ghar-ragunijiet moghtija minnhom fl-imsemmi rapport hekk mahluf.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tipprovdi minn din il-vertenza billa (a) fl-ewwel lok tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut billi tiddikjara li l-attur kellu interess guridiku li jistitwixxi dawn il-proceduri, (b) tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament fis-sens li l-attur ghandu dritt ghall-uzu tan-nofs indiviz ta' l-ilma in kwistjoni, u (c) filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut billi gie ippruvat li l-ilma tal-gwiebi jappartjeni lill-kontendenti b'mod indaqs, tichad it-talbiet l-ohrajn kollha ta' l-attur.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tordna li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti."

**<u>L-APPELL TA' L-ATTUR</u>**

2. L-attur Joseph Attard appella minn din is-sentenza izda peress li dan baqa' ma ikkawtelax l-appell tieghu fiz-zmien utili msemmi fil-ligi, l-appell tieghu gie iddikjarat <u>dezert</u> – hekk ara digriet moghti fl-1 ta' Dicembru, 2003, minn din il-Qorti.

**<u>L-APPELL TA' EMANUELA ATTARD, ILLUM EMANUELA VELLA</u>**

3. Mill-istess sentenza gie interpost ukoll appell tat-terz fil-persuna ta' Emanuela Attard, sive Emanuela Vella.

A skans ta' ekwivoci futuri tajjeb li jigi ipprecizat kif ser jinghad fir-rigward tal-partijiet fil-kawza ghar-raguni li l-avukati tal-partijiet donnhom "ftehmu" bejniethom dwar min minnhom ghandu <u>jhawwad</u> l-izjed f'dak li jikkoncerna l-konnotati tal-partijiet fil-kawza u kif dawn jigu minn xulxin.

I. Emanuela Vella (mizzewga Attard) tigi <u>oht</u> il-konvenut appellat Joseph Vella.

II. Emanuela Vella kienet mizzewga lil Joseph Attard (Senior) li jigi <u>missier</u> l-attur li jgib l-istess isem ta' missieru, igifieri Joseph Attard. Ghalhekk ifisser ukoll li Emanuela Vella hija wkoll <u>omm</u> l-attur Joseph Attard (Junior).

III. B’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Ottubru, 2000, giet ikkonfermata s-separazzjoni “a mensa et thoro” bejn il- konjugi Emanuela Vella u Joseph Attard (Senior).

IV. Minn dan isegwi li fejn fit-tieni premessa fost l-aggravji fir-rikors ta’ appell ta’ Emanuela Vella hemm li dina “hija legalment separata minn zewgha Joseph Vella”, dan hu skorrett. Bl-istess mod, hemm skorrettezza fir-risposta ta’ appell li saret ghan-nom ta’ Joseph Vella ghar-raguni li din proprjament saret f’isem Joseph Attard (Junior).

F’kawza kemmxejn ikkomplikata minn punto di vista legali, din il-Qorti kienet tistenna aktar attenzjoni u precizjoni mid-difensuri legali rispettivi tal-partijiet.

4. Tajjeb li jinghad ukoll li parti rilevanti mill-vertenza in ezami skaturiet b’rizultat ta’ skrittura ta’ cessjoni ta’ qbiela li saret fil-15 ta’ Ottubru, 1985 (ara Dok JA 4) bejn Joseph Attard (Senior) u ibnu Joseph Attard (Junior), l-attur.

**<u>L-AGGRAVJU TA’ L-APPELLANTI EMANUELA ATTARD SIVE VELLA</u>**

5. L-ewwel Qorti iddecidiet li r-ragel ta’ l-appellanti Emanuela Attard sive Vella, Joseph Attard (Senior), kien ceda d-drittijiet ta’ qbiela li hija kellha fuq art parafernali maghrufa bhala Gnien Ingraw, limiti tal-Mellieha, derivanti lilha b’kuntratt ta’ divizjoni maghmul min-Nutar Antonio Galea fit-22 ta’ Dicembru, 1949.

Skond is-sentenza appellata din ic-cessjoni ta’ qbiela fuq ir-raba fuq imsemmi sehhet permezz ta’ skrittura maghmulha bejn Joseph Attard (Senior) u binhom Joseph Attard (Junior), datata 15 ta’ Ottubru, 1985. L-appellanti qeghdha issostni li tali skrittura ma setghetx tippregudikalha hwejjigha peress li hija qatt ma kienet parti fil-ftehim; qatt ma awtorizzat lil zewgha milli jaghmel tali cessjoni, u inoltre b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-6 ta’ Ottubru, 2000, (surreferita), zewgha kien gie ordnat li

jirritornalha l-proprjeta` parafernali taghha fosthom ir-raba de quo.

6. Bil-maqlub ta’ dak deciz mill-ewwel Qorti, l-appellanti tissottometti li l-Artikolu 1295 tal-Kap. 16 citat mill-ewwel Qorti in sostenn ta’ dak li finalment ikkonkludiet m’huwiex applikabbli ghall-kaz. Dan ghaliex l-Artikolu 1344 (qabel ma gie emendat fl-1993 bl-Att XXI ta’ l-1993) jirreferi espressament ghall-provvedimenti tas-sub-titolu III intestat hekk: “Fuq li d-dota ma tistax tigi trasferita jew obbligata.” L-Artikolu 1295 ma kien jissemma mkien fl-Artikolu 1344 tal-Kap. 16 li kien isemmi biss l-Artikoli 1260, 1261, 1262 u 1263. Li kieku l-legislatur ried li d-drittijiet u l-obbligi kollha applikabbli ghall-proprjeta` dotali jigu applikati wkoll ghall-proprjeta` parafernali ma kienx jirreferi biss ghal dawk l-artikoli hemm citati.

Skond l-Artikolu 1260 tal-Kap. 16, tkompli l-appellanti, “ir-ragel ghal dik li hija dota ghandu l-obbligi kollha ta’ l-uzufruttwarju” – u l-uzufruttwarju jista’ biss jiddisponi minn res fungibiles.

Kwindi, issostni l-appellanti, zewgha (i.e. missier l-attur) ma setax jiddisponi mill-qbiela li kellha u l-fatt li hu kien jamministra l-proprjeta` parafernali taghha ma kienx itih il-jedd li jiddisponi minn dan il-gid.

7. Bl-appell taghha, Emanuela Attard sive Vella qeghdha titlob ir-revoka tas-sentenza appellata u dan
(I) billi tintlaqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, igifieri li l-attur ma kellux interess guridiku; u

(II) li tigi michuda l-ewwel talba attrici fejn talab dikjarazzjoni fis-sens li l-attur ghandu dritt esklussiv ghall-gwiebi li jinsabu fir-raba in kwistjoni.

## IR-RISPOSTA TA’ L-ATTUR

8. L-attur – li kif intqal aktar qabel l-appell tieghu mar dezert – oppona ghall-appell intavolat minn ommu Emanuela Attard sive Vella billi wiegeb hekk:-
(I) li s-sistema li kienet tipprevali qabel l-emendi ta’ l-1993 ghadha torbot lill-appellanti. Sa l-1993, ir-ragel kellu s-

setgha li jiffirma f'isem martu u fil-kaz in ezami, ma giet registrata ebda opposizzjoni min-naha ta' ommu.

(II) li inoltre l-genituri tieghu kienu t-tnejn flimkien ghaddewlu l-pussess tar-raba, li ilu jinhadem minnu bhala gabillott "full-time" sa minn ckunitu.

**IS-SOTTOMISSJONIJIET TA' L-APPELLAT KONVENUT JOSEPH VELLA**

9. B'verbal datat l-1 ta' Dicembru, 2003, seduta stante, l-appellat Vella, tramite l-legali tieghu, irregistra li gej,
"Dr Peter Borg Costanzi ghal Joseph Vella jaqbel mas-sottomissjonijiet kollha maghmula minn Dr Anthony Ellul u fil-fatt jaqbel ukoll mat-talbiet migjuba fir-rikors ta' appell ta' Emanuela Attard, illum Vella."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

10. Il-vertenza bejn il-kontendenti tirrigwarda giebja li tinsab fir-raba ta' Gnien Ingraw, Mellieha. Hu pacifiku li l-art tappartjeni lil Scicluna Estates pero` kienet originarjament mghoddija bi qbiela lil Vitor Vella, awtur ta' l-appellanti u ta' huha l-konvenut appellat. Jirrizulta li l-bdiewa ta' dak il-lokal juzaw diversi gwiebi li jinsabu fir-raba ghal fini ta' tisqija.

Ir-raba de quo gie diviz bejn il-werrieta ta' Vitor Vella b'att ta' divizjoni ippubblikat fit-22 ta' Dicembru, 1949, min-Nutar Antonio Galea (ara Dok PBC – 1). Skond l-istess att kien intlahaq ukoll qbil fuq il-gwiebi u fuq l-uzu ta' l-ilma. Il-giebja li dwarha qamet il-vertenza odjerna kienet inbniet skond l-imsemmi att ta' divizjoni minn Emanuela Attard sive Vella (omm l-attur) u minn huwa l-konvenut Joseph Vella.

11. Minn dak li xehed Vincent Curmi, l-amministratur ta' Scicluna Estates, jirrizulta li huwa jirrikonoxxi lill-eredi ta' Vitor Vella bhala dawk li ghandhom dritt ghall-qbiela, igifieri l-appellanta u l-konvenut (ara xhieda tieghu moghtija fit-22 ta' April, 1994). Dan ix-xhud jghid li hu qatt ma irrikonoxxa xi eredi wiehed ad eskluzjoni ta' l-iehor u qatt ma nharget ricevuta fuq xi wiehed minnhom biss.

Xehdet ukoll l-appellanti Emanuela Attard sive Vella – li pero` ma kienitx parti fil-kawza quddiem l-ewwel Qorti – fejn irrikonoxxiet li r-raba gie diviz bejnha u bejn il-konvenut. Xehdet li hija hadmet fir-raba flimkien ma' zewgha u uliedha u li hi qatt ma irrinunjzat ghall-qbiela jew tat permess ghal fini ta' cessjoni.

Spjegat li l-giebja jew vaska ta' l-ilma ghat-tisqija ta' Gnien Ingraw inbniet minnha u minn huwa l-konvenut Joseph Vella.

**DWAR L-EWWEL AGGRAVJU TA' L-APPELLANTI EMANUELA ATTARD SIVE VELLA**

12. L-appellanti Emanuela Attard sive Vella qeghdha fl-ewwel lok, issostni u tissottometti li l-ewwel eccezzjoni, wahda ta' natura legali, sollevata mill-konvenut appellat kellha tigi akkolta – igifieri, qeghda tghid li l-attur ma ghandux interess guridiku biex jaghmel din il-kawza.

L-ewwel Qorti kien cahdet din l-eccezzjoni. Biex waslet ghad-decizjoni taghha l-ewwel Qorti dahlet biex tikkunsidra zewg relazzjonijiet peritali bil-konsegwenza li qaghdet tidhol ukoll f'konsiderazzjonijiet legali approfonditi rigwardanti l-validita` o meno ta' l-iskrittura ta' cessjoni maghmulha bejn l-attur u missieru (li mhuwiex parti fil-kawza) u b'riferenza ghall-appellanti Emanuela Attard sive Vella (li din ukoll ma kienitx parti fil-kawza). Fil-fehma ta' din il-Qorti tali ezercizzju ma kienx strettament mehtieg.

13. L-eccezzjoni dwar karenza ta' interess giet sollevata mill-konvenut appellat li ma kienx jifforma parti mill-att ta' cessjoni raggunt bejn l-attur u missieru. Sal-lum, ma tirrizulta ebda procedura biex tali skrittura tigi dikjarata bhala wahda invalida. Li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellanti Emanuela Attard sive Vella interveniet jew issejhet bhala parti fil-kawza fl-istadju opportun, din setghet tipprova tattakka hi direttament il-validita` o meno ta' din l-iskrittura billi si trattava hawn ta' beni parafernali spettanti lilha. Ghal dak li jirrigwarda l-konvenut Joseph Vella pero` tali skrittura kienet "res inter alios acta". Imma mhux hekk biss. Si trattava ta' skrittura

maghmulha bejn l-amministratur tal-beni tal-komunjoni ta' akkwisti gia` ezistenti bejn Joseph Attard (Senior) u l-appellanti min-naha 'l wahda u l-attur min-naha l-ohra. Inholoq stat ta' fatt fejn l-attur beda jaghmel uzu mill-ilma tal-giebja li kienet parti mill-beni parafernali ta' ommu, igifieri l-appellanti. Sakemm din l-iskrittura ghadha ma gietx impunjata u jezisti tali stat ta' fatt, ma kienx lecitu ghall-konvenut li jeccepixxi hu l-karenza ta' interess di fronte l-attur.

14. L-ewwel Qorti abbraccjat il-konkluzjonijiet tal-periti perizjuri u kkonkludiet li wara kollox ir-ragel ta' l-appellanti kellu s-setgha li jaljena, billi jcedi, il-qbiela favur ibnu, l-attur. Kien ghalhekk li l-attur kellu interess guridiku. L-appellanti mhijiex qeghdha taqbel ma' din il-parti tad-decide. Frankament, u wara li din il-Qorti ikkunsidrat is-sottomissjonijiet kollha in propozitu, jidhrilha li t-tezi ta' l-appellanti hija legalment aktar attendibbli minnu kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti. Madankollu, ghal fini tar-rizoluzzjoni ta' dak li gie originarjament eccepit mill-konvenut Joseph Vella, ma huwiex strettament mehtieg li jkun hemm decizjoni rigwardanti l-assi ta' l-appellanti meta din lanqas biss ma giet citata bhala parti fil-kawza quddiem l-ewwel istanza. Din il-Qorti jidhrilha li r-ragel ta' l-appellant x'aktarx ecceda l-poteri tieghu bhala amministratur tal-beni parafernali anke kif kienet il-ligi qabel ma dahlu fis-sehh ir-riformi fil-ligi civili dwar ir-regim matrimonjali in forza ta' l-Att XXI ta' l-1993. Ghalkemm ir-ragel gie moghti l-amministrazzjoni tal-beni parafernali tal-mara, hu ma ghandux jeccedi l-limiti ta' amministrazzjoni gusta, li kif gie ritenut fil-kawza in re: Joseph Galea et –vs– Nutar Antonio Galea (Qorti Civili Prim Awla, 2 ta' Ottubru, 1957)
"irid ikun att ta' vera amministrazzjoni, u mhux kif jghid it-Troplong 'un atto che abbia l'aria di un'alienazione e sia d'impaccio al proprietario della cosa' (Del Mandato 279)."

Jibqa' pero` l-fatt li apparti jekk din l-iskrittura kienitx valida jew le, il-konvenut xorta wahda ma setax iqajjem hu l-eccezzjoni li l-attur ma kellux interess guridiku fil-kawza. Min-naha l-ohra, imbaghad, lanqas ma setghet tinqeda bl-

istess eccezzjoni l-appellanti biex, bl-appell taghha, tintrometti ruhha hi fil-vesti ta' konvenuta.

15. Din il-Qorti certament mhijiex sejra tippermetti (lill-appellanti) (ghax lanqas ma hu legalment konsentit ghaliha) li dak li ma rnexxilhiex taghmel quddiem l-ewwel Qorti jew dak li ghad tista' taghmel permezz ta' proceduri separati minn din, tipprova taghmlu billi tinqeda bl-eccezzjonijiet tal-konvenut ghal fini ta' rivendikazzjoni ta' kwalsiasi dritt jew titlu li bil-ligi jispetta lilha. Kieku taghmel dan, din il-Qorti tkun qeghdha tiznatura s-sostanza ta' l-azzjoni in ezami u tmur oltre minn dak li huwa inkwadrat u involut fil-vertenza.

16. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li, ghalkemm mhijiex qeghda taqbel ma' l-ewwel Qorti li r-ragel ta' l-appellanti seta' legalment jaljena – billi jcedi – qbiela li kienu beni parafernali ta' martu, madanakollu, u stante li l-iskrittura <u>de quo</u> ghadha vigenti billi ma gietx impunjata minn min ghandu interess guridiku li jimpunjaha (u wkoll jidher li l-attur kien u ghadu jaghmel uzu kontinwu mill-ilma tal-giebja), hemm x'juri li l-attur ghandu interess guridiku biex ta' lanqas seta' jippromwovi din il-kawza. L-ewwel aggravju qieghed jigi ghalhekk respint.

**<u>Dwar l-Aggravju fil-Mertu</u>**

17. L-appellanti qeghda titlob, bhala konsegwenza ta' wiehed miz-zewg aggravji taghha, li tigi michuda l-ewwel talba ta' l-attur.

Fl-ewwel talba, l-attur qieghed jadixxi lill-Qorti biex din "Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur ghandu dritt eklussiv ghall-gwiebi fuq riferiti mibnija minn missieru li jinsabu fir-raba ta' Gnien Ingraw fil-limiti tal-Mellieha u li kienu tul dawn l-ahhar hames snin uzati minnu esklussivament."

Tajjeb li jinghad li l-kontroparti konvenuta (i.e. l-appellat) ma eccepitx li hija tgawdi xi dritt esklussiv u intier fuq il-vaska, jew giebja <u>de quo</u> imma qeghdha teccepixxi invece li t-talbiet attrici fil-meritu "huma infondati fil-fatt u fid-dritt

billi l-esponenti ghandu sehem ta' nofs indiviz fil-vaska in kwistjoni u fl-uzu ta' l-istess".

18. Issa fid-decizjoni appellata, l-ewwel Qorti jidher li sa certu punt hija akkoljiet dak li eccepixxa l-konvenut appellat. Di fatti l-ewwel talba ta' l-attur giet milqugha biss b'mod limitat igifieri,
"(Il-Qorti) …… tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament fis-sens li l-attur ghandu dritt ghall-uzu tan-nofs indiviz ta' l-ilma in kwistjoni; u

(c) filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut billi gie ippruvat li l-ilma tal-gwiebi jappartjeni lill-kontendenti b'mod indaqs, tichad it-talbiet kollha ta' l-attur."
(Sottolinear tal-Qorti)

Il-konvenut ma appellax ukoll minn din is-sentenza. Id-dritt ta' kontestazzjoni dwar in-nofs indiviz l-iehor (li skond l-ewwel Qorti gie validament cedut lill-attur) ma jispettax legalment lill-konvenut appellat imma se mai lill-appellanti Emanuela Attard sive Vella. Billi pero`, kif gia` ntqal supra, sa llum l-iskrittura ta' cessjoni tal-qbiela surreferita ghandha ma gietx impunjata, l-ewwel Qorti ikkonkludiet b'mod tajjeb, imqar jekk dan ghamlitu fuq motivazzjonijiet li din il-Qorti ma tikkonkwidix. Fi kliem iehor, jispetta lill-appellanti li si et quatenus tipprocedi hi skond il-ligi biex tirrevendika d-drittijiet taghha fuq ir-raba u l-giebja de quo fil-konfront ta' l-attur – imma mhux per via ta' l-azzjoni prezenti. Ovvjament, l-appell intavolat mill-appellanti kellu aktar sinjifikat u rilevanza fil-mument ta' meta l-attur interpona hu wkoll appell mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti. Dan ghaliex fl-ewwel talba tieghu l-attur mhux biss beda jippretendi li, in vista tac-cessjoni favurih (li pero` tibqa' haga dibattibbli dwar kemm hija legalment valida), huwa kellu dritt esklussiv fuq ir-raba u giebja de quo. Bl-appell tieghu deher evidenti li l-attur, indipendentement ghalissa mill-validita` o meno ta' l-iskrittura ta' cessjoni – kien ghadu f'kull kaz jippretendi drittijiet li jestendu u jinkludu n-nofs indiviz appartenenti lill-konvenut. Appena pero` l-appell ta' l-attur mar dezert, tali pretensjoni waqghet. Issa jekk l-appellanti qeghdha tinsisti li lanqas in-nofs l-iehor indiviz ma kien jispetta lill-

attur ghax ghadu taghha allura dan hu meritu li ghandu jigi epurat u deciz permezz ta’ procedura ohra u gudikat separat minn dan.

Ghalhekk dan l-aggravju qieghed similment jigi respint bhal dak ta’ qablu.

Ghal dawn ir-ragunijiet kif fuq esposti, tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata u tirrespengi l-appell ta’ l-imsemmija Emanuela Attard sive Vella, b’rizerva espressa pero` ta’ kull azzjoni ulterjurui li l-appellanti ghad tista’ tiehu skond il-ligi biex thares l-interessi parafernali taghha.

L-ispejjez ta’ dan l-appell, fic-cirkostanzi, jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------